MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2090/2003

**Francis Piscopo**

**Vs**

**Saviour Vella ghan-nom tas-socjeta' E. Vella & Sons Limited**
**u b'digriet tat-Tribunal tas-27 t'Ottubru, 2004 giet ordnata**
**l-kjamat in kawza ta' Sylvio Azzopardi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' sitt mija u sitt liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm606.75c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku u kera ta' vann ghal ghaxart ijiem ghal liema ncident il-konvenut

kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Ra r-Risposta ta' Saviour Vella fejn fl-ewwel eccezzjoni qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident. Fit-tieni eccezzjoni l-konvenut qal illi l-ammont mitlub mill-attur huwa esagerat.

Ra l-*Front to Rear Form* fejn l-attur qal li l-vettura tieghu kienet ipparkjata. Filwaqt li Sylvio Azzopardi qal li hekk kif nizzel il-*handbrake* harablu t-trakk minhabba li l-arja ma kienetx imtella' u ghalhekk laqat il-vann fuq quddiem.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Francis Piscopo fejn dakinhar ta' l-incident kienu nfurmawh li wiehed minn ta' E. Vella & Sons harablu t-trakk ghan-nizla u baqa' diehel fit-trakk tieghu. Piscopo jikkonferma li kien ipparkjat.

Jghid li hu jahdem bhala *self employed* u dak kien l-uniku trakk li kellu. Ghalhekk kellu jikri trakk iehor li ammonta ghal mija u sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm156.75c).

Jghid li kien jinqeda bil-kundizzjoni tal-vettura.

Jichad illi l-offerta kienet maqsuma tlett mitt lira Maltin (Lm300) u mija u hamsin lira Maltin (Lm150) ghall-kiri. Jghid illi l-valur iddikjarat fil-polza ta' l-assigurazzjoni kien ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800).

Ra x-xhieda ta' Max Borg Bonello li huwa *Claims Negotiator* ma' GasanMamo Insurance fejn jikkonferma li skond is-*surveyor* taghhom il-*market value* tal-vettura ta' Piscopo kien ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Jghid ukoll li GasanMamo Insurance kienet offriet lill-attur l-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) izda hu lmenta. Ghalhekk GasanMamo Insurance offriet erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) lill-attur li kien jinkludi l-ammont fuq kera ta' vettura izda lahqet bdiet il-kawza.

Jikkonferma li GasanMamo Insurance kienet accettat it-tort fl-incident.

Ra x-xhieda ta’ Saviour Vella li huwa d-direttur tas-socjeta’ E. Vella & Sons Limited fejn jikkonferma li l-impjegat tieghu Sylvio Azzopardi kien qed isuq il-vettura in kwistjoni.

Fil-kontro-ezami Vella jghid illi kienu ghamlu *claim insurance* wara l-habta u jikkonferma li ma jafx x’gara ezatt.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Muscat li jahdem bhala *Motor Vehicle Surveyor* fejn jikkonferma s-*survey*. Jghid illi l-vann ta’ Piscopo ghandu tnejn u ghoxrin (22) sena.

Fil-kontro-ezami Muscat qal li l-vann kien jidher li jintuza apparti mid-daqqa li qala’. Jikkonferma li taht il-*panels* kien hemm is-sadid u ghalhekk ma setawx ipoggu *panels* go fih.

Ra r-Rikors ta’ Francis Piscopo.

Ra r-Risposta ta’ Sylvio Azzopardi fejn qal li mhux responsabbli ta’ dan l-incident.

Ra x-xhieda ta’ Sylvio Azzopardi fejn jikkonferma li qal fil-*Front to Rear Form*. Jikkonferma li l-vann li habat mieghu kien mimli sadid kif ukoll kellu xi daqqiet.

Ra xhieda ohra ta’ Francis Piscopo fejn jikkonferma l-firma tieghu fuq il-*Front to Rear Form*. Jikkonferma wkoll li ffirma l-istess *Front to Rear Form* gimaghtejn wara l-incident meta mar ghand l-insurance. Jghid li hu ried erba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm450) bhala kumpens ghall-vann kif ukoll mija u sittin lira Maltin (Lm160) bhala kera tal-vann.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Muscat li huwa s-*surveyor* ghan-nom ta’ GasanMamo Insurance fejn jikkonferma s-*survey report*. Jghid li huwa kien wasal ghall-valur ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300). Jiftakar li GasanMamo Insurance

staqsewh jekk setax jaghti valur oghla lill-vann. Muscat jghid ukoll illi ma jiftakarx jekk il-*panel beater* kienx ikkomunika mieghu jew le.

**Ikkunsidra**

Li dwar responsabbilta’ m’hemmx dubju li l-attur ma kellu ebda tort. Il-vann kien ipparkjat. Illi mix-xhieda u skond il-*Front to Rear Form* iffirmat mill-kjamat in kawza jirrizulta li t-trakk proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta kellu difett. Illi huwa l-obbligu tas-socjeta’ konvenuta li tassigura li t-trakkijiet proprjeta’ taghha huma mizmuma fi stat tajjeb. Ghalhekk id-danni fil-vann ta’ l-attur gew ikkagunati minhabba nuqqas ta’ kura tas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk hija s-socjeta’ konvenuta li ghandha tirrispondi ghad-danni.

Illi dwar id-danni jirrizulta li l-*pre-accident value* tal-vann huwa ta’ mitejn lira Maltin (Lm200). (Ara xhieda tas-*surveyor* ta’ l-10 ta’ Gunju, 2004).

Is-*surveyor* kien issuggerixxa li l-attur jiehu tlett mitt lira Maltin (Lm300) u jzomm il-vann. Illi l-attur ghandu dritt li jithallas tad-danni li sofra minhabba l-incident. Illi minhabba l-incident kellu dritt li jkollu vann iehor ghal zmien ragunevoli sakemm ikun jaf jekk il-vann huwiex *beyond economical repair* u sakemm jixtri vann iehor. Jirrizulta li l-attur kera vann u hallas mija u sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm156.75c).

Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi li s-socjeta’ konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident. Id-danni ghandhom jigu llikwidati fl-ammont ta’ erba’ mija u sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm456.75c).

Ghaldaqstant jilqa’ t-talba ta’ l-attur u jordna lil E. Vella & Sons Limited sabiex thallas is-somma ta’ erba’ mija u sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm456.75c) lill-attur. Bl-ispejjez u bl-imghax mill-4 ta’ Novembru, 2003 kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------